MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 181/2007

**Eurofreight  Services Ltd (C-25544)**

**vs**

**Angelo Aquilina (481767M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, mitejn u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm3281.85) rapprezentanti bilanc ta’ prezz fuq servizzi rezi lilu mir-rikorrent inkonnessjoni ma’ garr ta’ merkanzija fuq ordni tieghu stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 5964/06 flimkien ma’ l-imghax  skond il-ligi.
Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fid-29 ta’ Jannar, 2008, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------